MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 3327/1996/1

**Joseph Dalli u ghal kull interess illi jista' jkollha Carmen mart Joseph Dalli**

**Vs**

**Mediterranean Film Studios Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-26 ta' Novembru 1996 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur jezercita l-kummerc bhala kuntrattur ta' l-istallazzjonijiet ta' impjanti tad-dawl u ilma u *plumbing*;

Premess illi s-socjeta` konvenuta kienet inkarigat lill-konvenut sabiex jezegwixxi xoghlijiet ta' impjant ta' elettriku u *plumbing* fil-fond RL2 Ricasoli Industrial Estate,

Kalkara u dan skond il-Bill of Quantities anness ma’ l-att tac-citazzjoni bhala Dok. A;

U premess illi wara illi l-attur kien xtara l-materjal mehtieg sabiex jezegwixxi l-appalt izda qabel ma’ l-attur beda x-xoghlijiet is-socjeta` konvenuta tterminat l-istess appalt bl-iskuza illi hija qatt ma kienet lahqet ftehim ma’ l-attur;

U premess illi l-attur sabiex jezegwixxi l-appalt kien xtara l-oggetti elenkati f’Dok B kif jigi ppruvata ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U premess l-oggetti li l-attur xtara biex jezegwixxi l-appalt kellhom jigu ordnati minnu specifikament ghal dan l-appalt, liema oggetti mhux utilizzabbli mill-attur ghal skopijiet ohra u mhux facilment jista’ jiddisponi minnhom sabiex jimminimizza d-danni;

U premess illi minhabba t-terminazzjoni ta’ l-appalt da parti tas-socjeta` konvenuta b’mod unilaterali l-atturi sofrew danni konsistenti fl-ispejjez li huma inkorrew sabiex l-attur xtara l-oggetti fuq imsemmija specifikatament ghall-inkarigu moghti lilu mis-socjeta` attrici kif ukoll telf ta’ qligh kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U premess illi minkejja illi l-attur interpella lis-socjeta` konvenuta sabiex thallsu d-danni li huwa sofra permezz ta’ ittra ufficjali tal-5 ta’ Settembru 1996 hija baqghet inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara jekk hemm bzonn illi s-socjeta` konvenuta kienet dahlet fi ftehim ma’ l-attur li bih inkarigatu jaghmel xoghlijiet ghaliha kif fuq premess;

2. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta unilateralment itterminat l-appalt miftiehem ma’ l-attur u dan minghajr il-kunsens ta’ l-attur;

3. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni li l-atturi sofrew kif ukoll ghal kumpens iehor konsistenti f'telf ta' qligh u spejjez inkorsi minnhom;

4. Tillikwida l-istess danni u kumpens;

5. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat;

6. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju tiehu u taccetta l-konsenja ta' l-istess oggetti mixtrija mill-attur sabiex jezegwixxi l-appalt miftiehem minnu mas-socjeta` attrici;

Bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru 1996 u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, ipprezentata fis-26 ta' Gunju 1997 u li fiha eccepiet:-

1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda billi qatt ma sar ftehim vinkolanti bejn il-partijiet, kif jippretendu l-atturi;

2. Illi konsegwentement ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet l-ohra kollha ghandu jigu michudin;

3. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-atturi jridu jippruvaw illi l-materjal mixtri minnhom ma huwiex utilizzabbli;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat is-sentenza in parte ta' din il-Qorti moghtija fil-11 ta' Ottubru, 2006 li permezz taghha ddikjarat li s-socjeta` konvenuta kellha tigi ritenuta fi htija ghat-terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt tax-xoghlijiet kommissjonati minnha lill-atturi, bl-ispejjez rizervati;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell pronuncjata fid-9 ta' Jannar, 2009 li kkonfermat is-sentenza in parte fuq imsemmija, u ordnat li l-atti tal-kawza jintbghatu lura lil din il-Qorti biex tkompli tikkunsidra t-talbiet l-ohra mhux decizi u tiddisponi mill-kawza skond il-ligi;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Marzu 2009 li bih gie nominat bhala espert tekniku l-Inginier Raymond Spiteri;

Rat ir-rapport pprezentat mill-espert nominat li jinsab esebit a fol. 138 *et sequitur* tal-process u li gie minnu debitament konfermat fid-19 ta' Frar, 2010;

Rat l-Affidavits u d-dokumenti esebiti mill-kontendenti;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dr. Robert Tufigno ghall-atturi fis-seduta tas-26 ta' Marzu, 2010;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Huwa generalment konswet f'materja ta' danni, sija kontrattwali, sija akwiljani, illi l-kawza tippartecipa minn zewg istanzi – *an et quantum* – cjoe, id-dikjarazzjoni tar-responsabilita`, u f'kaz ta' affermazzjoni ta' din ir-responsabilita`, l-accertament ta' l-ezistenza u tal-mizura tad-danni. Ara "**Fava -vs- Vella**", Prim' Awla, Qorti Civili,

19 ta’ Frar, 1935 u “**Borg *nomine et* -vs- Abela *et***”, Appell Kummercjali, 14 ta’ Mejju, 1954;

Fil-kaz prezenti l-ewwel stadju hu ormaj sorpassat bis-sentenza ta’ din il-Qorti tal-11 ta’ Ottubru, 2006 konfermata in sede Appell fid-9 ta’ Jannar, 2009, in kwantu fiha gie determinat illi l-htija ghat-terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt ta’ appalt kommissjonat lill-atturi kellha tigi akkollata lis-socjeta` konvenuta. Jifdal allura x’jigi konsiderat it-tieni stadju, ossija l-likwidazzjoni tad-danni;

Jibda biex jigi registrat b’rijaffermazzjoni tal-principju konoxxut illi “d-danni kontrattwali ghandhom funzjoni riparatrici” (“**Vella -vs- Massa**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 7 ta’ April, 1983 per Imhallef Hugh Harding), u, konsegwentement, ma ghandhomx ikunu strument ta’ piena lill-kontraent inadempjenti jew ta’ lukru indebitu favur il-kontraent l-iehor, imma biss re-integrazzjoni tal-patrimonju tad-danneggjat fil-mizura li jkun sofra d-danni”. Ara “**Calleja *nomine* -vs- Mamo *proprio et nomine***”, Appell Kummercjali, 4 ta’ Mejju, 1953;

Trattasi ta’ appalt hu provvdut mill-Artikolu 1640(1), Kodici Civili illi “min jaghti x-xoghol jista’ jholl, meta jrid, il-kuntratt, ghalkemm ix-xoghol ikun diga` beda”. Jekk, imbaghad, kif inhu l-kaz hawnhekk, “ma jkunx hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu flimkien ma’ somma li tigi meqjusa mill-Qorti, skond ic-cirkustanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta’ jaghmel b’dak l-appalt” (subinciz 2 ta’ l-Artikolu 1640);

Evidentement, l-ewwel subinciz jikkontempla l-kaz ta’ xoljiment unilaterali *ad nutum* da parti ta’ l-appaltant (“**Cassar -vs- Pace**”, Appell Civili, 14 ta’ Dicembru, 1962). Dan kien hekk anke skond it-test l-antik tal-ligi (Artikolu

1734, Kodici Civili) u, kif spjegat, id-disposizzjoni kienet b'hekk "tidderoga apparentement ghal wiehed mill-principji fundamentali ta' kull kuntratt sinallagmatiku, jigifieri ghal dak il-principju li l-ebda wahda mill-partijiet kontraenti ma tista' arbitrarjament tehles mill-obbligazzjonijiet taghha ... Id-disposizzjoni hi wahda eccezzjonali fis-sens li l-principal ixolji l-kuntratt arbitrarjament". Ara "**Barbara -vs- Morana *et***", Qorti tal-Kummerc, 21 ta' Ottubru, 1954. Hekk, allura, b'dan il-provvediment il-ligi taghti lill-appaltant l-fakolta li jxolji minn rajh l-appalt minnu moghti, avolja x-xoghol ikun inbeda, billi jhallas lill-appaltatur tax-xoghol kollu li jkun lahaq ezegwixxa u ta' l-ispejjez kollha li jkun ghamel flimkien ma' somma li tigi stabbilita mill-Qorti bhala indennizz ghat-telf ta' profitt li pero` ma teccedix dik li l-appaltatur kien jirrealizza kieku kompla l-appalt. Ara "**Accountant General *et* -vs- Ellul Sullivan *nomine***", Appell Kummercjali, 14 ta' Gunju, 1989;

Ragonevolment, il-principju generali li jinzel minn dan il-provvediment hu dak li, di regola, id-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li jintegra lill-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event li jkun gablu d-dannu. (Ara "**Zammit -vs- Calleja**", Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 1977). Regola din li ghandha tigi applikata skond kriterji objettivi ta' gustizzja. Dan fis-sens illi min hu responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta ta' l-inadempiment jew tax-xoljiment tal-kuntratt. Dan f'akkoppjament mal-principju illi d-danneggjat ghandu d-dmir li jadotta l-mizuri kawtelari opportuni biex jirreduci d-danni jew, ghallanqas, li ma jaggravax il-konsegwenzi dannuzi, fejn seta' jevitahom. Ara "**Xuereb -vs- Livick**", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Novembru, 1956 u "**Sammut -vs- Zammit**", Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2005;

F'certu sens l-Artikolu 1640 (2) jirrikjama l-principju generali tad-dritt fil-previzjoni tal-ligi, ex-Artikolu 1135 Kodici Civili, fis-sens li d-danni li ghandhom jithallsu lill-appaltatur huma, b'mod generali, ghat-telf li jkun bata u l-

qligh li jkun gie imtellef, in kwantu konsegwenza immedjata u diretta tax-xoljiment *ad nutum* ta' l-appalt;

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha ta' dritt, l-attur jafferma fl-Affidavit tieghu (fol. 38) illi hu kien lahaq xtara materjal fl-ammont komplessiv ta' Lm2378.55. Dan kif evidenzjat mill-fatturi tas-socjeta` Elektra Limited (fol. 37 sa fol. 39). L-istess attur ikompli jiddikjara illi fuq dan l-ammont huwa ppretenda kummissjoni ta' Lm1172.90,4. Izid jghid illi ghall-fini li jnaqqas id-danni huwa ghamel hiltu biex ibiegh jew jaghmel uzu mill-materjal li xtara, b'dan li, dejjem skond l-attur, il-bejgh ghamlu "*at cost*" u dahhal Lm1609.78, bir-rizultat li kien ghad baqalu jircievi bhala spejjez is-somma ta' Lm1941.22. Addizzjonalment, huwa ghadda biex ikkalkola t-telf ta' gwadann tieghu f'percentwali ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) fuq il-valur tal-kuntratt (Lm15,494.40), ossija s-somma ta' tlett elef u hames mitt lira (Lm3500);

Jirrizulta illi meta l-atti gew rimessi lura lil din il-Qorti, fuq it-talba tas-socjeta` konvenuta (ara rikors taghha a fol. 125) din il-Qorti ghaddiet biex tinnomina bhala espert tekniku lill-Inginjier Raymond Spiteri ssuggerit minnha. Ara d-digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Marzu, 2009 a fol. 130. Dan ghall-fini illi l-imsemmi espert jistabbilixxi l-kwantum ta' l-i*stock* li baqa' ma giex vendut jew utlizzat mill-attur;

Skond ir-relazzjoni tieghu l-konsulent tekniku vverifika illi bhala *stock* kien ghad fadal 10 *street light fitings* u 10 *diffusers* minn dawk mixtrija fl-1996, u dan ghall-prezz ta' Lm228.50. Huwa spjega illi skond il-prattika fix-xoghol tat-twahhil u installazzjoni tad-dawl, il-venditur tal-materjal jaghti kummissjoni lill-kuntrattur fil-forma ta' skont fil-prezz tal-materjal kif jimbiegh jigifieri "*at wholesale price*". Meta, allura, mal-prezz ta' l-istokk tizdied din il-kummissjoni (Lm166.18) dan jekwivali ghal Lm394.66. Fuq dan l-ammont huwa zied jaggungi "*mark up*" ta' percentwali ta'

hmistax fil-mija (15%) fuq il-prezz tal-bejgh lill-konsumatur. B'kollox, allura Lm453.88,2;

Jekk wiehed kellu jadotta l-opinjonijiet espressi mill-espert tekniku ghal fattispeci tal-kaz in disamina, b'applikazzjoni tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 1640 tal-Kapitolu 16 ghandu jsegwi dan li gej. Attiz li wiehed jaccetta bi proposizzjoni gusta d-dikjarazzjoni ta' l-attur illi huwa ddispona mill-materjal li xtara *at cost* minghajr il-konsiderazzjoni tal-kummissjoni jsegwi illi flimkien mal-materjal li baqa' ma nbieghx u li skond l-espert ma huwiex merkantibbli ghax skadut (Lm228.50) ghandu jizdied l-ammont f'kummissjoni ta' Lm1172.90,4 fuq it-totalita tal-materjal komprat in kwantu dan ukoll jikkostitwixxi telf li jkun bata l-appaltatur. Sa hawn allura l-Qorti taqbel ma' l-espressjoni ta' fehma ta' l-attur fil-kors tad-dibattitu orali, anke ghaliex din l-istess fehma ma giet b'ebda mod attakkata jew, xort'ohra, newtralizzata mill-kontroparti b'xi sottomissjoni jew opinjoni teknika kuntrarja;

Fejn il-Qorti thoss li ghandha tiddipartixxi mill-fehma ta' l-attur huwa fil-kaz tal-pretensjoni minnu tat-telf ta' percentwali ta' qligh minnu ffissat ghal 25%. Tenut qies tac-cirkostanzi u bl-adoperu ta' l-arbitriju affidat lill-Qorti mill-istess ligi fl-Artikolu 1640(2), il-Qorti hi propensa li takkordalu percentwali ta' telf ta' qligh ta' hmistax fil-mija (15%) fuq il-valur konkordat ghall-appalt. Jigifieri 15% ta' Lm15,497.40, ossija elfejn tliet mija erbgha u ghoxirn lira, wiehed u sittin centezmu (Lm2324.61). Maghduda flimkien il-komputazzjoni gusta tad-danni li ghandu jigi rizarcit lill-attur ghandu jkun Lm228.50 + Lm1172.90,4 + Lm2324.61; b'kollox, tlett elef seba' mija sitta u ghoxrin lira, centezmu u erba' millezmi (Lm3726.01,4) jew tmint elef sitt mija disgha u sebghin euro, tmienja u ghoxrin centezmu (€8679.28).

Ghal motivi predetti, il-Qorti:

Taqta’ u tiddeciedi bl-akkoljiment tar-raba’ u tal-hames talbiet illi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi, in linea ta’ danni ghax-xoljiment unilaterali ta’ l-appalt, is-somma ta’ tmint elef sitt mija disgha u sebghin euro, tmienja u ghoxrin centezmu (€8679.28), bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza. Billi ma hemmx lok in vista tal-premess ghall-akkoljiment tas-sitt talba, l-istess qed tigi skartata. L-ispejjez tal-prezenti decizjoni u dik l-ohra pronunzjata fil-11 ta’ Ottubru, 2006 dwar liema saret rizerva jitbatew interament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------